*Ftit ġimgħat ilu, fil-Knisja nqrat ċirkulari mill-Kurja dwar l-indulġenza plenarja għas-Sena Pawlina. Ma nistax nifhem kif il-Knisja għadha temmen u tgħallem li min għandu flus biex imur Ruma se jaqla' grazzja speċjali u min le ma jaqla' xejn. Kont ħsibt li l-indulġenzi m'għadhomx aktar. Naħseb li affarijiet bħal dawn aktar itellfu milli jgħinu l-fidi. Aħna ma ngħidux li l-quddiesa hija l-aqwa talba? Mhux biżżejjed is-sagrifiċċju ta' Kristu? Hemm għalfejn noqgħod immur fi knisja ddedikata lil San Pawl? Ma kienx ikun aħjar kieku ngħallmu lin-nies dwar x'qal San Pawl milli mmorru naraw xi kappella ddedikata lilu?* **A.M. Sta. Venera**

# Se nibqgħu bl-Indulġenzi?

Kif qal dan il-qarrej, fis-16 ta' Ġunju li għadda, ħarġet ċirkulari li ssemmi l-Indulġenza Plenarja fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina li fiha nfakkru l-elfejn sena mit-twelid ta' San Pawl. Kien il-Papa stess li, minħabba l-kobor ta' dan l-avveniment, tana l-possibbiltà li nirċivuha.

**X'inhi indulġenza "plenarja"?**
Fl-1967, Pawlu VI għallimna li "l-indulġenza hi l-maħfra quddiem Alla tal-piena taż-żmien li kienet tisthoqq minħabba dnubiet li tagħhom ġa tħassret il-ħtija. Hija maħfra li n-nisrani b'dispożizzjoni tajba jikseb taħt ċerti kundizzjonijiet determinati, permezz tal-ħidma tal-Knisja li, bħala dispensatriċi tal-fidwa, tqassam u tapplika bl-awtorità tagħha t-teżor tal-merti ta' Kristu u tal-qaddisin" (ara wkoll il-Katekiżmu, 1471).

Mela qed nitkellmu dwar "dnubiet li huma maħfura". Imma għandna nkunu nafu li għalkemm id-dnubiet jinħafru, jibqa' fina u fil-Knisja l-konsegwenzi ta' l-imġiba ħażina tagħna; bħal meta taqta' subgħajk u joħroġ id-demm, il-ġerħa tagħlaq u tfieq, imma għalkemm il-ġerħa hija mfejqa, jibqa' sinjal fil-ġilda. Issa, l-indulġenzi jħassru dawk l-effetti ġewwa fina ta' dnubiet li ġa nħafru.

Qed ngħid dan mhux għax l-assoluzzjoni fil-qrar mhix biżżejjed jew għax il-penitenza qiegħda għalxejn! L-assoluzzjoni tneħħi d-dnub "iżda ma tfejjaqx it-taħwid kollu li d-dnub ikun ġieb" (Katekiżmu, 1459). Il-penitenza (it-tewba) hi ringrazzjament lil Alla li ħafrilna u "tpatti" għall-ħsara li nkunu għamilna. Imma l-konsegwenzi tad-dnub tagħna jaffettwaw il-qdusija tal-komunità nisranija. L-indulġenzi – kif fissirt qabel – japplikaw il-merti ta' Kristu u "jħassru" l-effetti tad-dnubiet tagħna fuq il-Knisja.



Il-kanċellazzjoni ta' dawn il-pwieni sseħħ permezz tat-teżor tal-merti infiniti ta' Kristu u tal-parteċipazzjoni tal-qaddisin fil-passjoni u l-glorja tiegħu. Hemm diversi okkażjonijiet meta wieħed jista' jirċievi indulġenza, bħall-Milied u l-Għid meta tista' tirċievi l-barka tal-Papa permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, jew matul is-Sena Mqaddsa. Anki fil-każ tal-150 sena mid-dehriet ta' Lourdes, il-Papa qed jagħti l-possibbiltà ta' l-indulġenza.

Naturalment hemm ċerti kundizzjonijiet li wieħed irid josserva biex jirċievi l-indulġenza: iqerr u jitqarben u jitlob skond il-fehma tal-Papa.

Ma' dan, għal din is-sena, wieħed jista' jżur il-Bażilika ta' San Paolo fuori le Mura (Ruma) u jitlob talb ieħor kif indikat. Imma biex inserrħu moħħ il-qarrej, le m'hemmx għalfejn isiefer biex jirċievi l-indulġenza! Min ħa sehem waqt il-funzjoni reliġjuża fil-ftuħ tas-Sena Pawlina jew fl-għeluq tagħha s-sena d-dieħla wkoll jirċievi l-indulġenza. Dan jista' jsir f'kull knisja.

Imbagħad hemm il-possibbiltà li, matul is-sena kollha, wieħed imur f'xi post sagru msemmi għal San Pawl f'Malta jew Għawdex (eż. il-knejjes iddedikati lil San Pawl bħall-Kattidral ta' l-Imdina, il-parroċċi ta' San Pawl fir-Rabat jew il-Belt, Ħal Safi, in-Nadur, il-Munxar, il-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat, il-ħafna kappelli oħra ddedikati lilu, u anki l-Għejjer ta' San Pawl).

F'Malta, l-Arċisqof iddetermina li din iż-żjara ssir fit-tielet Erbgħa ta' kull xahar. Waqt dawn iż-żjajjar, wieħed għandu jew jieħu sehem f'funzjoni reliġjuża jew jagħmel xi talb ieħor, basta jkun qerr u tqarben u osserva l-kundizzjonijiet li semmejna.

Anki l-morda u dawk li ma joħorġux minn djarhom jistgħu jirċievu l-indulġenza billi jingħaqdu spiritwalment ma' xi ċelebrazzjoni tal-ġublew, joffru lil Alla t-talb u t-tbatija tagħhom għall-għaqda ta' l-insara, u jkollhom il-fehma li malli jistgħu, iqerru, jitqarbnu u jitolbu skond il-fehma tal-Papa.

Veru, kif qal il-korrispondent, li l-quddiesa hi l-aqwa talba, u s-sagrifiċċju ta' Kristu għandu merti infiniti. Imma ma ninsewx li waħda mill-kundizzjonijiet ta' l-indulġenzi hija propju t-tqarbina!

Dwar it-tagħlim dwar l-ittri ta' San Pawl, naqbel ma' dak li qal il-korrispondent. Filwaqt li indulġenza tista' tkun marbuta ma' pellegrinaġġ jew żjara (dan ukoll għandu aspett teoloġiku) ikun ferm importanti li matul din is-sena naqraw l-ittri ta' San Pawl u npoġġu fil-prattika t-tagħlim tiegħu fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Hekk, is-Sena Pawlina ma tkunx ġiet għalxejn.

